# BORD TAL-ARBITRAĠĠ DWAR ARTIJIET

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A. (Fin. Serv.) LL.D.**

**Seduta tal-llum 30 ta' Settembru 2024**

**Raymond Miller ID 722045(M), Gerald Miller ID 91148(M) u b'Digriet tal-Bord tas-7 ta' Mejju 2024 Raymond Miller għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Suzanne Herold assuma l-atti minflok Gerald Miller stante l-mewt tal-istess Gerald Miller, John Cassola ID 710454(M), David Demajo Albanese ID 359154(M) u b'Digriet tal-Bord tat-8 ta' Mejju 2023 Carol Demajo Albanese ID 18959(M) assumiet l-atti minflok David Demajo Albanese stante l-mewt tal-istess David Demajo Albanese, Paul Demajo Albanese ID 515858(M), Anthony Albanese ID 616041(M), u bħala mandatarju ta' oħtu assenti Mary Antoinette sive May Portelli (Passaport Kanadiż QC 289070), Dolores sive Dora Ripard ID 685432(M), Antoinette sive Nanette Micallef ID 244634(M) u Denise Day (160959(M)**

**vs**

**L-Awtorita' tal-Artijiet**

**Numru fuq il-Lista: 10**
**Rikors Numru : 62/22 NB**

**Il-Bord,**

## I. PRELIMINARI

**Ra r-Rikors ta' Raymond Miller et, ippreżentat fil-25 ta' Marzu 2022 fejn ġie premess:**

1. *Illi r-rikorrenti huma s-sidien ta` porzjoni art f'Wied Qirda limiti ta` Ħal Qormi liema art hija indikata fuq il-pjanta hawn annessa (Dok A), Property Ownership Form (Dok B) u spjegazzjoni tal-provenjenza (Dok C).*

2. *Illi din l-art ġiet milquta b'Dikjarazzjoni Presidenzjali tal-14 ta` Lulju 2000 (Notice 570) fejn l-art ittieħdet b'titolu ta` xiri assolut. L-art tal-esponenti hija indikata fil-paragrafu numru ħamsa (5) (Dok D).*

3. *Illi ma sar ebda Avviż għall-Ftehim u ma saret ebda offerta ta` kumpens.*

4. *Illi l-art m'hiex qed tintuża għal skop pubbliku (vide Google Map Dok E).*

5. *Illi l-esponenti jridu li din l-art tiġi meħlusa mil-effetti tal-imsemmija Dikjarazzjoni u fin-nuqqas li dan iseħħ, li jiġu debitament kumpensati skond l-liġi.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord, prevja konferma tat-titolu tar-rikorrenti fuq l-art de quo:*

***A: Fl-ewwel lok:***

1) *Jiddikjara li art tal-esponenti ma ntużatx għal skop pubbliku għall-perjodu ta` aktar minn għaxar snin minn meta tkun inħarġet id-Dikjarazzjoni u li konsegwentement iħassar id-Dikjarazzjoni imsemmija u jordna li l-art tiġi mrodda lura lill-esponenti;*

2) *Jillikwida u jordna lill-Awtorità intimata tħallas id-danni materjali u d-danni morali li ġew imġarrba mis-sid għas-snin kollha li l-art kienet miżmuma mill-Gvern mingħajr ma sar xejn fuqha.*

***B: Fit-tieni lok, sussidjarjament għall-premess u f'każ biss li t-talbiet biex titħassar id-dikjarazzjoni tiġi miċħuda u li għalhekk id-dikjarazzjoni għandha tibqa` fis-seħħ u li għalhekk it-talbiet A1 u A2 jiġu miċħuda li dan il-Bord:***

1) *Jordna li l-art imsemmija tiġi akkwistata b'titolu ta` xiri assolut;*
2) *Jillikwida u jordna lill-Awtorità intimata tħallashom il-kumpens li għandu jitħallas għall-akkwist tal-art skond il-liġi;*
3) *Jillikwida u jordna lill-Awtorità intimata tħallashom danni materjali u danni morali minħabba d-dewmien biex sar l-akkwist;*
4) *Jikkundanna lill-Awtorità intimata tħallas l-interessi fuq il-kumpens hekk stabbilit bir-rata u għall-perjodu li jiġu stabbiliti mill-Bord.*

*Bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-intimat li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

**Ra r-Risposta tal-Awtorita' ta' l-Artijiet datata 25 ta' Mejju 2022 (fol 24 *et seq*) fejn ġie eċċepit:**

1. *Illi l-Awtorita' esponenti ġiet notifikata bir-rikors fl-ismijiet su-ċitati nhar is-sittax ta' Mejju 2022 u ġiet mogħtija għoxrin ġurnata ċans biex tirrispondi.*

2. *Illi jirriżulta li l-art mertu ta' din il-kawża hija dik indikata bħala porzjon numru 5 fid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, ippublikata nhar l-14 ta' Lulju 2000 bħala Avviż 570 u permezz ta' liema ġie dikjarat li biċċa art f' Ħal Qormi ta' 4093 m.k. li tmiss mill-Majjistral, mill-Grigal u min-Nofsinhar ma' proprjeta' tal-Gvern, u li l-akkwist tagħha kellu jkun b' xiri assolut.*

3. *Illi Primafacea jidher illi sussegwentament għall-istess dikjarazzjoni ma nħareġ l-ebda Avviz għall-Ftehim jew ġie offrut kumpens.*

4. *Illi mit-talbiet rikorrenti jirriżulta illi tali rikors qiegħed isir primarjament ai termini tal-artiklu 63 tal-Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta (fl-ewwel sett ta' talbiet – Talbiet A) u ai termini t' artiklu 64 tal-istess Kapitlu (fit-tieni sett ta' talbiet – Talbiet B).*

5. *Illi għalhekk, fid-dawl ta' dak li trid il-liġi jiġi immedjatament senjalat li l-esponenti għadha trid teżamina u tivverifika it-titolu tar-rikorrenti fuq l-art kif hawn deskritta u għalhekk ir-risposta odjerna hija soġġetta għall-verifika tat-titolu hawn fuq imsemmi.*

6. *Illi bl-istess mod irid jiġi verifikat li l-persuni kollha magħrufa li għandhom xi jedd fuq din l-art huma parti minn dawn il-proċeduri u dan kif irid is-sub artikolu 63(4) tal-Kapitlu 573.*

7. *Illi jiġi senjalat ukoll li f'dan l-istadju jirriżulta li l-art in kwistjoni għadha meħtieġa, u għad hemm interess pubbliku fl-akkwist ta' din l-art, u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-proċeduri.*

*Għaldaqstant, l-ewwel żewġ talbiet rikorrenti (Parti A – A i u A 2) għandhom jiġu miċħuda.*

8. *Illi fir-rigward tat-tieni sett ta' talbiet (B), l-esponenti tissenjala li kwalunkwekumpens illi jista jiġi dovut lir-rikorrenti għandu jiġi ikkalkulat kif irid l-artikolu 64, u iġifieri skont il-valur tal-art fiż-żmien meta nħarġet id-dikjarazzjoni (senjatament is-sena 2000) liema ammont imbagħad għandu jiġi aġġornat skont l-indiċi ta' inflazzjoni.*

9. *Illi konsegwnetament tali valur għandu jiġi ikkalkulat fuq l-istat illi fih kien is-sit dak iż-żmien.*

10. *Illi l-esponenti tissenjala illi kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni morali u / jew materjali għandha issir abbażi taċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ. Dan filwaqt li jiġi senjalat ukoll li tali danni għandhom jiġu ippruvati mir-rikorrenti. Għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni wkoll kwalunkwe imgħaxijiet u/ jew interessi fil-kumpens kif mitluba wkoll mir-rikorrenti, u dan stante illi anke dawn il-mekkaniżmi huma intiżi kemm bħala penali għad-dewmien biex sar l-akkwist, u kif ukoll bħala forma ta' kumpens lis-sid għall-istess dewmien.*

11. *Illi l-esponenti tissenjala wkoll li f' każ li l-Bord jgħaddi sabiex jillikwida xi interessi (imgħaxijiet) kif mitlub, dawn għandhom jiġu hekk likwidati skont dak li jrid l-Artiklu 66 tal-Kapitlu 573.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

*Bl-Ispejjez*

**Ra l-verbali tas-seduti.**

**Ra l-atti proċesswali kollha.**

**Sema u ra t-trattazzjoni traskritta tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-13 ta' Mejju 2024 (fol 247 *et seq*) .**

**Ra li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.**

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Dawn il-proċeduri jirrigwardaw esprorju ta' porzjoni art f'Wied Qirda limiti ta' Ħal Qormi liema art hija murija fil-pjanta annessa mar-rikors promotor bħala Dok A (fol 4) u indikata bħala plot 5 tal-kejl ta' 4,093 metri kwadri li ġiet kolpita bid-Dikjarazzjoni Presidenzjali tal-14 ta' Lulju 2000 (Avviż Nru 570) (Dok D – fol 17 *et seq*). Fl-istess Dikjarazzjoni l-imsemmija art ġiet dikjarata bħala meħtieġa mill-Awtorita kompetenti għal skop pubbliku u li l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti qedin jitolbu lill-Bord fl-ewwel lok sabiex jordna li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali fuq imsemmija tiġi mħassra u l-art imrodda lura lilhom oltre ħlas ta' danni u dan ai termini tal-Artikolu 63 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta jew fin-nuqqas, u f'każ li ma jiġux milqugħa l-ewwel set ta' talbiet, sabiex il-Bord jordna li l-art tiġi akkwsitata b'xiri assolut u jiġi ffissat u ordnat il-ħlas tal-kumpens, danni u imgħax.

**Fl-affidavit tiegħu (fol 32 et seq) ir-rikorrenti Raymond Miller** xehed li wara l-esproprju huwa personalment mar diversi drabi fuq il-post u mar anke fil-mori tal-kawża u cioe f'Ġunju 2022 u kkonferma li l-art ma ġietx fiżikament okkupata u għadha fl-istat oriġinali tagħha. Mal-affidavit eżebixxa *aerial photographs* tas-sit li huwa ħa bejn Settembru 2020 u Ġunju 2022 biex juri li matul dan iż-żmien ma kien hemm ebda tibdil ta' xejn fuq l-art. Huwa jgħid li fl-istess ritratti jidhru żewġ passaġġi li hu mmarka bħala 1 u 2 u jgħid li dawn huma totalment żdingati kif jidher mir-ritratti u filwaqt li l-passaġġ numru 1 qabel il-1979 wieħed seta jgħaddi minnu bil-karozza illum huwa mpossibbli tant li meta mar l-aħħar darba huwa għadda mill-passaġġ numru 2 u anke hawn kellu jieqaf il-barra sew u kompla bil-mixi. Huwa **xehed ukoll fis-seduta tas-26 ta' April 2023** li l-art mertu ta' dawn il-proċeduri hija l-istess art mertu tad-diviżjonijiet li saru fl-atti tan-Nutar Francesco Saverio Micallef Vella datati 18 ta' Frar 1889 u kkonferma r-*route of title* kif indikat fid-dokument C (fol 8 et seq). Spjega li permezz ta' dik id-divizjoni l-art in meritu marret għand Nikolina Stivala li mbgħad ħallietha fit-testment tagħha u matul is-snin baqgħet nieżla sakemm waslet għand ir-rikorrenti preżenti.

**Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2023 xehed Joseph Sammut, senior manager expropriations fi ħdan l-Awtorita intimata,** li l-art in kwistjoni tinsab ġo Ħal Qormi, Wied il-Kbir, limiti ta' Qormi u Żebbug li kienet ġiet mitluba biex tiġi espropprjata mill-Public Works in konnessjoni ma 'Risq il-Widien Project' (Dok JS 1 – fol 60). L-art ġiet eventwalment espropprjata flimkien ma artijiet oħra permezz tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali tal-14 ta' Lulju 2000, Avviż Numru 570, skond pjanta LD 190/99 u l-art in meritu hija plot numru 5 (Dok JS 2 – fol 62-64). Il-Gvern ħa pussess tal-art f'Ġunju 1987 (Dok JS 3 - fol 65). Skond ittra mibgħuta lilu mill-Perit Stephen Bonello, Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi datata 20 ta' Lulju 2021 (Dok JS 4 – fol 66) l-art in kwistjoni ma setgħetx tiġi rilaxxjata għax kienet meħtieġa mill-entita PARKS. Fl-itess ittra jingħad li "*upon discussions with PARKS it has been agreed that the Public Works Department will issue its no objection when required so that the land is transferred to PARKS*". Ix-xhud informa lir-rikorrenti li ma kienx possibbli li l-art tiġi rilaxxjata b'ittra datata 26 ta' Lulju 2021 (Dok JS 5 – fol 68). Mistoqsi jekk fil-file tal-Awtorita jeżistux dokumenti dwar l-użu li qed isir mill-art jgħid li ma hemm xejn.

**Fis-seduta tas-6 ta' Frar 2024 xehed Dr. Gaetano Vella, senior information officer fi ħdan id-Dipartment tax-Xogħolijiet Pubbliċi** li esebixxa l-minuti tal-file relattiv għal dan l-esproprju ossia WD649 tan-1981 (Dok GV 1 – fol 79 sa 106) u kif ukoll sensiela ta' korrispondenza li għaddiet bejn id-dipartimenti/sezzjonijiet varji tal-Gvern u kif ukoll korrispondenza mar-rikorrenti (Dok GV2 sa GV 49 – fol 107 sa 230).

**Fis-seduta tas-6 ta' Frar 2024 xehed ukoll Ivan Farrugia, Head Park Operations fi ħdan Project Green gja Parks Malta** (fol 231 *et seq*) li llum il-ġurnata Parks ġiet assorbita fi Project Green. Fir-rigward tal-art in meritu huwa qal li kienu kellmuhom il-Public Works fejn qalulhom li tali art kienet f'idejhom (ossia f'idejn il-Public Works) iżda ma kellhomx

bżonna iżjed u staqsewhom jekk kienux interessati joħduha u kien sar *teams meeting* fejn Project Green infurmaw lill-Public Works li jekk ma riedux l-art huma kieneu joħduha. Izda waqaf kollox hemm u ma sema xejn aktar. Spjega li kienu jieħdu l-art kienu jgħamluha *forestation* iżda mitlub aktar dettalji u dokumentazzjoni dwar dan il-proġett ix-xhud jgħid li ma sab xejn. <u>In kontro-eżami</u> mistoqsi jekk fil-fatt hemmx proġettt fuq din l-art huwa wieġeb li '*le. M'għandniex proġett għax kif għidtlek ma ġietx f'idejna*'.

**IKKUNSIDRA**

**<u>Titolu</u>**

L-intimata eċċepiet li hija riedet teżamina u tivverifika t-titolu tar-rikorrenti filwaqt li eċċepiet ukoll li jrid jiġi verifikat li l-persuni kollha magħrufa li għandhom xi jedd fuq din l-art huma parti minn dawn il-proċeduri skond is-sub artikolu 63(4) tal-Kap 573.

In sostenn tat-titolu l-atturi esebew il-*Property Ownership Form* (Dok B – fol 5 *et seq*) u dikjarazzjoni dwar ir-route of title (Dok C – fol 8 *et seq*). Xehed ukoll ir-rikorrent Raymond Miller b'affidavit (fol 32) u fis-seduta tas-26 ta' April 2023 (fol 50 et seq) fejn ikkonferma li l-art *de quo* hija tar-rikorrenti li ġiet għandhom bil-mod spjegat fir-*route of title* u li hu kien għadda d-dokumentazzjoni kollha dwar it-titolu mitluba mill-Awtorita intimata lin-nutar Diana Galea li kienet inkarigata mill-intimata biex teżamina t-titolu. Ikkonferma wkoll li l-art in meritu hija dik indikata fid-diviżjonijiet fl-atti tan-Nutar Francesco Saverio Micallef Vella tat-18 ta' Frar 1889 fejn permezz ta' tali divizjoni l-art għaddiet għand Nikolina Stivala li mbgħad ħallietha fit-testment tagħha u matul is-snin baqgħet nieżla sakemm waslet għand ir-rikorrenti preżenti.

Fis-seduta tas-26 ta' April 2023 (fol 48) l-Awtorita' intimata ddikkjarat li hija sodisfatta bit-titolu tar-rikorrenti salv li fl-istadju opportun isiru d-dikjarazzjonijiet *causa mortis* meħtieġa.

Mill-assiem tal-provi miġjuba mir-rikorrent dwar it-titolu inkluż il-*Property Ownership Form* u r-*route of title* kif ukoll tenut kont tad-dikjarazzjoni sudetta tal-Awtorita intimata l-Bord huwa sodisfatt bit-titolu tar-rikorrenti u li l-persuni kollha magħrufa li għandhom xi jedd ta' titolu fuq din l-art jinsabu preżenti fil-proċeduri. B'hekk l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita dwar it-titolu enumerati 5 u 6 qed jiġu miċħuda.

**<u>Mertu</u>**

L-Art. 63 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta li fuqu hija bbażata l-ewwel parti tal-azzjoni attriċi huwa indikat fis-*side note* bħala azzjoni biex tiġi mħassra dikjarazzjoni f'sitwazzjoni fejn art għadha ma ġietx akkwistata. Dan l-Artikolu jaqra hekk:

*63. (1) Jekk art li fuqha tkun inħarġet dikjarazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att tibqa' ma tiġix akkwistata skont waħda mill-għamliet imsemmija f'dan l-Att u dik l-art ma tkunx intużat għall-iskop pubbliku għal perjodu ta' aktar minn għaxar snin minn meta tkun inħarġet id-dikjarazzjoni, kull min juri għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Arbitraġġ li huwa sid b'titolu validu ta' proprjetà fuq dik l-art jista' jitlob li dik id-dikjarazzjoni tiġi mħassra u li l-art tiġi mrodda lura lilu.*

*(2) Din l-azzjoni għandha ssir permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Bord tal-Arbitraġġ li għandu jiġi indirizzat kontra l-awtorità li jkollha jedd ta' għoxrin jum biex twieġeb minn mindu tiġi notifikata bir-rikors.*

*(3) Flimkien mat-talbiet għat-tħassir tad-dikjarazzjoni u tar-radd lura tal-art, tista' ssir ukoll talba biex il-Bord tal-Arbitraġġ jillikwida u jordna lill-awtorità tħallas id-danni materjali u d-danni morali li ġew imġarrba mis-sid għas-snin kollha li l-art kienet miżmuma mill-Gvern mingħajr ma sar xejn fuqha.*

*(4) Biex ir-rikors ikun jista' jinstema' u jiġi deċiż mill-Bord għandhom ikunu preżenti fil-proċeduri, il-persuni kollha magħrufa li għandhom xi jedd ta' titolu fuq din l-art.*

*(5) Il-Bord tal-Arbitraġġ għandu jiċħad ir-rikors għat-tħassir tad-dikjarazzjoni jekk kemm-il darba l-awtorità tagħti raġunijiet validi għaliex l-art baqgħet ma ntużatx għal dawn is-snin kollha jew juri għas-sodisfazzjoni tal-istess Bord li għad hemm interess pubbliku fl-akkwist ta' dik l-art.*

*(6) Kull persuna titlef il-jedd ta' azzjoni skont dan l-artikolu jekk hija tonqos milli tipproċedi fi żmien tletin sena minn meta tkun inħarġet id-dikjarazzjoni, b'dana li jekk meta jidħol fis-seħħ dan l-Att jkunu ġa għaddew ħamsa u għoxrin sena minn meta tkun inħarġet id-dikjarazzjoni, l-azzjoni għandha titmexxa sa mhux aktar tard minn ħames snin minn meta jidħol fis-seħħ dan l-Att. Dawn il-perjodi huma perentorji u ma jistgħux jiġġeddu.*

L-Awtorita intimata laqgħet għat-talba fil-mertu billi qalet li it-talba għat-tħassir tad-Dikjarazzjoni u tad-danni għandhom jiġu miċħuda billi l-art in kwistjoni għadha meħtieġa u għad hemm interess pubbliku fl-akkwist tal-art.

L-elementi li jridu jissodisfaw ir-rikorrenti sabiex tirnexxi l-azzjoni tagħhom taħt l-Artikolu 63(1) huma tlieta ċjoe li (i) d-Dikjarazzjoni tkun inħarġet qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap. 573, (ii) l-art tibqa' ma tiġix akkwistata skont waħda mill-għamliet imsemmija fil-Kap. 573 u (iii) l-art ma tkunx intużat għall-iskop pubbliku għal perjodu ta' aktar minn għaxar snin minn meta tkun inħarġet id-Dikjarazzjoni. Ma dawn il-Bord irid iqis ukoll dak dispost fis-sub-artikolu 5 tal-Artikolu 63 u cioe' li *"l-Bord tal-Arbitraġġ għandu jiċħad ir-rikors għat-tħassir tad-dikjarazzjoni jekk kemm-il darba l-awtorità tagħti*

*raġunijiet validi għaliex l-art baqgħet ma ntużatx għal dawn is-snin kollha jew juri għas-sodisfazzjoni tal-istess Bord li għad hemm interess pubbliku fl-akkwist ta' dik l-art.*

Ikun siewi fl-ewwel lok li l-Bord iqabbel l-Artikolu 63 mal-artikoli l-oħra li jinsabu fil-Kap. 573 fejn huwa wkoll kontemplat ir-rimedju tar-radd lura tal-art ossia l-Artikoli 67, 68 u 69. L-Artikolu 67 ikopri dawk il-każijiet fejn is-sid jista' jitlob ir-radd lura ta' art okkupata jew amministrata mingħajr ma tkun saret dikjarazzjoni. Imbagħad l-Artikolu 68 jipprovdi għal dawk l-artijiet li mad-dħul fis-seħħ tal-Kap. 573 kienu okkupati b'titolu ta' dominju pubbliku. F'dan il-każ l-Awtorita' għandha terminu ta' għaxar snin biex tieħu deċiżjoni jekk hijiex ser takkwista l-art b'titolu ta' xiri assolut jew b'pussess u użu jew trodd lura l-art. L-Artikolu 69 imbagħad jitratta każijiet fejn art hija okkupata b'użu jew pussess għal aktar minn għaxar snin u s-sid jista' jitlob li l-art tiġi akkwistata mill-awtorità b'xiri assolut jew inkella li titbattal fi żmien sena mid-data tal-ordni.

Niġu issa għall-eżami tal-elementi meħtieġa taħt l-Artikolu 63 tal-Kap 573 fil-każ preżenti. Mill-provi jirriżulta li l-art in meritu hija kolpita minn Dikjarazzjoni ta' esproprju qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap 573 li daħal fis-seħħ fil-25 ta'April 2017 filwaqt li d-Dikjarazzjoni *de quo* inħarget fl-14 ta' Lulju 2000. B'hekk l-ewwel element hu soddisfatt.

It-tieni element tal-Artikolu 63 jirrikjedi li l-art ma tkunx ġiet akkwistata skont waħda mill-għamliet imsemmija fil-Kap. 573. L-għamliet ta' akkwist taħt il-Kap 573 huma dawk imsemmija fl-Artikolu 36 li jipprospetta tlett metodi ta' akkwist ta' art għal skop pubbliku – (i) b'xiri assolut jew (ii) b'pussess u użu għal żmien ta' mhux iktar minn għaxar snin jew (iii) parti b'xiri assolut u parti b'pussess u użu. Fil-każ in diżamina, mill-provi prodotti, mir-risposta tal-Awtorita intimata u mill-ittra tad-Dipartiment tal-Artijiet tal-5 ta' Ottubru 2004 (Dok GV 6 – fol 128) ħareġ li wara d-Dikjarazzjoni Presidenzjali fuq imsemmija tal-14 ta' Lulju 2000 il-Gvern baqa' ma ħa ebda pass ulterjuri biex l-art tiġi akkwistata u ma ħareġ ebda Avviż għall-Ftehim jew ġie offrut kumpens lis-sidien. B'hekk anke t-tieni element jinsab soddisfatt.

Kwantu għat-tielet element tal-Artikolu 63 dan jipprovdi li l-art ma tkunx intużat għall-iskop pubbliku għal perjodu ta' aktar minn għaxar snin minn meta tkun inħarġet id-Dikjarazzjoni. Id-Dikjarazzjoni f'dan il-każ saret taħt il-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta fejn id-definizzjoni ta' skop pubbliku fl-Artikolu 2 kienet taqra hekk:

> *"skop pubbliku" jfisser kull skop li għandu x'jaqsam mal-użu esklużiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali, jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le) jew ma' jew għall-ippjantar tal-ibliet jew ma' jew għar-rikostruzzjoni jew għaż-żjieda fl-impiegi, jew għat-tkattir fit-turiżmu, jew għall-promozzjoni tal-kultura, jew għall-preservazzjoni tal-identità nazzjonali u storika, jew għall-ħarsien ekonomiku tal-Istat jew kull skop li għandu x'jaqsam mad-difiża ta' Malta jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-operazzjonijiet navali, militari jew tal-ajru; u jfisser ukoll kull*

*skop ieħor imsemmi bħala pubbliku minn xi liġi; u għall-finijiet ta' din it-tifsira, fejn l-iskop sabiex jiġi eżerċitat xi dritt taħt din l-Ordinanza jkun konness mal-utilizzazzjoni ta' xi art jew xi dritt konness jew relatat magħha għal kull raġuni marbuta mal-provvista, ħażna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi oħra ta' enerġija, jew f'konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta' utilità jew servizz muniċipali jew proġett infrastrutturali, għandu jitqies bhala koness ma' jew ancillari ghall-interess pubbliku jew utilità".*

Dan il-Bord diversament presjedut evalwa estensivament id-definizzjoni ta' skop pubbliku taħt il-Kap. 88 fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet **Igino Trapani Galea Feriol vs Awtorita' tal-Artijiet** (Rikors 55/2020SG) liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Novembru 2021. Ingħad hekk:-

*Fl-20 ta' Mejju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet,* ***Lapsi Estates Limited versus Kummissarju ta' l-Artijiet; Direttur tax-Xoghlijiet; Direttur Building and Engineering; Bonnici Brothers Limited,*** *il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sostniet:*

*Is-socjeta' attriċi qiegħda tgħid illi l-proċedura ma saritx sew għax l-art "qiegħda tiġi esproprijata għal skopijiet privati". Il-liġi tagħti s-setgħa lill-awtorità pubblika li tieħu art privata fil-każ biss illi dik l-art tkun meħtieġa għal skop pubbliku, skond l-art. 3 tal-Kap 88 .... Huwa minnu illi l-art. 6 ta' l-istess Ordinanza jgħid illi:*

*6. Ħadd ma' jista' jitlob prova oħra ta' l-iskop pubbliku … minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta.*

*Madankollu, billi din il-qorti għandha s-setgħa u d-dmir li tara li jitħarsu l-liġijiet kollha ta' Malta, fosthom id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali li jħarsu l-jedd għall-proprjetà privata, din il-qorti għandha wkoll is-setgħa u d-dmir li tara li tassew li t-teħid ta' l-art hu meħtieġ għal skop pubbliku billi s-setgħa ta' l-awtorità pubblika li tiegħu proprjetà privata ma hix setgħa mħollija għal kollox fid-diskrezzjoni ta' dik l-awtorità.*

*Dwar l-iskop pubbliku għat-teħid ta' l-art xehed il-Perit Ray Farrugia, Direttur fid-Dipartiment tal-Bini u Inġinerija, u qal illi l-art hija meħtieġa biex titkabbar arja ta' parkeġġ u biex ikun hemm post fejn jitqiegħed sub-station għad-distribuzzjoni ta' l-energija elettrika. Meta jitlesta dan il-proġett, il-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jinqdew aħjar.*

*Fil-fehma tal-qorti din hija prova biżżejjed illi l-art hija meħtieġa għal skop pubbliku, u għalhekk ir-raġuni għat-teħid ta' l-art hija waħda leġittima.*

*Huwa minnu illi s-soċjetà attriċi qiegħda tgħid illi l-art kienet meħtieġa biex jinqdew interessi privati, għax hemm terzi li għandhom restaurant u sala tat-tiġijiet li jeħtieġu spazju fejn il-klijenti tagħhom ikunu jistgħu jipparkeġġjaw. Il-Perit Farrugia, iżda, xehed illi, meta d-dipartiment tiegħu iddeċieda li jieħu l-art*

*tas-soċjetà attriċi, ma qiesx dawn l-interessi, li, għalhekk, ma kellhom ebda relevanza għad-deċiżjoni.*

*Barra minn hekk, il-fatt illi interessi privati wkoll jistgħu jieħdu ġid minn proġett magħmul għal skop pubbliku ma jnaqqas xejn min-natura pubblika ta' dak l-iskop.*

*Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, lis-soċjetà attriċi ma seħħilhiex li turi illi l-proċeduri għat-teħid ta' l-art saru bi ksur tal-liġi.*

*Minn din is-sentenza sar appell, li ġie deċiż fis-26 ta' Jannar 2007, fejn il-Qorti tal-Appell kienet qalet:*

*Ma hemm ebda dubju li l-proġett sar fl-interess tal-pubbliku in ġenerali u mhux biex jiġi aġevolat xi individwu partikolari. Il-parkeġġ hu pubbliku u ma hemm ebda restrizzjoni fuq l-użu tiegħu u fuq l-aċċess għalih. It-triq ġiet irranġata biex il-pubbliku in ġenerali jkollu aċċess aħjar għall-inħawi, mingħajr xkiel u perikolu.*

*Il-Prim' Awla, fil-kawża deċiża fil-5 ta' Marzu, 2004, Ċitazzjoni Numru. 1107/1999/1, fl-ismijiet,* ***Ġanni Farrugia; u b'dikriet tal-11 t'April 2002, stante l-mewt ta' Ġanni Farrugia, l-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Paola Farrugia mart il-mejjet Ġanni Farrugia, Salvina Micallef, Anthony Farrugia, Lucia Bugeja, Victoria Vassallo Eminyan, Maria Theresa Galea, Mary Sammut, Joe Farrugia, France Farrugia, Abraham Farrugia, Phyllis Colver, Rachael Portelli u Angie Farrugia bħala wlied tal-mejjet Philip Farrugia, ilkoll ulied il-mejjet Ġanni Farrugia fil-kapaċità tagħhom bħala l-leġittimi eredi tal-mejjet Ġanni Farrugia Versus Il-Kummissarju ta' l-Artijiet, spjegat:***

*Il-kwistjoni, kif rajna, hija dwar jekk jistax jingħad illi l-art mhux tassew hija meħtieġa għal skop pubbliku, la darba ma ntużat għal ebda skop bħal dak. Il-qorti tibda biex tgħid illi l-fatt illi l-gvern telaq parti mill-art ma hijiex relevanti għall-għanijiet tal-kawża, għax il-kawża tolqot dik il-parti ta' l-art li għadha ma nbnietx, waqt li l-art mogħtija lura ngħatat għax hija mibnija u għalhekk ma għadhiex meħtieġa mill-gvern biex jibniha.*

*Għandu jingħad ukoll illi, għalkemm fiċ-ċitazzjoni jissemma l-Ewwel Protokoll, u saret ukoll trattazzjoni estensiva dwar il-ġurisprudenza fil-materja ta' drittijiet fondamentali, u għalkemm ukoll din il-qorti trid tapplika l-liġijiet kollha tal-pajjiż, fosthom ukoll dawk li jħarsu d-drittijiet fondamentali, madankollu, din hija kawża taħt il-proċedura ordinarja u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar drittijiet fondamentali. Fil-fatt, it-talba ta' l-attur hija illi l-qorti tgħid illi t-teħid ta' proprjetà kien bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 88 u mhux ta' dawk ta' l-Ewwel Protokoll.*

*Madankollu, ma hix ta' ostakolu għat-talbiet ta' l-attur id-dispożizzjoni ta' l-art. 6 tal-Kap. 88, li jgħid illi ħadd ma' jista' jitlob prova oħra ta' l-iskop pubbliku minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta. Interpretazzjoni korretta ta'*

*din id-dispożizzjoni, magħmula wkoll fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jħarsu l-jeddijiet fondamentali, ma hix, kif tgħid in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi, illi "huwa l-konvenut i.e. il-gvern li kellu jġib il-prova illi sa mill-bidu t-teħid ta' art kien fl-interess pubbliku", iżda l-interpretazzjoni t-tajba, fil-kuntest ta' proċeduri ordinarji, hija li, għalkemm il-gvern ma għandu għalfejn iġib ebda prova oħra minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, il-preżunzjoni maħluqa b'dik id-dikjarazzjoni ma tistax tkun waħda iuris et de iure biex il-Kap. 88 jibqa' kompatibbli mal-liġijiet li jħarsu l-jeddijiet fondamentali, u tkun megħluba jekk jintwera li ma kienx hemm l-iskop pubbliku li trid il-liġi biex it-teħid ta' l-art ikun jiswa.*

*Il-fatt illi l-art ma nbnietx għal għexieren ta' snin huwa prova konklużiva ta' nuqqas ta' skop pubbliku? Fil-fehma tal-qorti, it-tweġiba għal din il-mistoqsija hija le.*

*Mix-xhieda ta' Emanuel Darmanin, funzjonarju fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, ħareġ illi hemm proġett għall-bini ta' djar tal-gvern fuq l-art, għalkemm dan il-proġett għadu ma twettaqx għal kollox. Madankollu, il-proġett beda jitwettaq għax parti mill-art inbniet u ġew ukoll ifformati ttoroq. Jidher ċar għalhekk illi l-proġett, għalkemm mhux imwettaq għal kollox, ma hux abbandunat.*

*Il-Kap. 88 ma jimponix fuq il-gvern il-ħtieġa li l-proġett li jkollu għall-art iwettqu minnufih, u, sakemm ma jintweriex ċar illi l-proġett huwa abbandunat, ma jistax jingħad illi l-iskop pubbliku spiċċa.*

*Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, lill-atturi ma seħħilhomx li juru illi l-art ma tteħditx għal skop pubbliku, jew illi dak l-iskop pubbliku ma għadux iseħħ illum.*

*L-atturi jgħidu wkoll, fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom, illi l-fatt illi l-gvern ried l-art biex jibni fuqha housing units li jbigħ lil terzi juri illi l-iskop għat-teħid ta' lart ma hux wieħed pubbliku. Fil-fehma tal-qorti, iżda, li jipprovdi akkommodazzjoni soċjali hija setgħa leġittima u dmir tal-gvern, u għalhekk dak li l-gvern jagħmel bl-iskop li jwettaq dan id-dmir ma jistax jingħad li ma hux għal skop pubbliku. Barra minn hekk, it-tifsira ta' "skop pubbliku" mogħtija fl-art. 2 tal-Kap. 88 tgħid illi jista' jkun hemm dak l-iskop "sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le"."*

*...*

*Fil-kawża fl-ismijiet Pawlu Cachia vs Avukat Generali et*[1] *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Diċembru, 2001 il-Qorti aċċennat għas-segwenti*

[1] Ir-rikors kien jirrigwarda art u fond f'Bengħajsa propjeta' tar-rikorrent li ħarġet fuqha l-ittra uffiċjali għal xiri assolut fl-1969, kif ukoll ħareġ l-avviż għal ftehim dwar il-kumpens, liema kumpens ir-rikorrent ma aċċettax. Meta ġie intavolat ir-rikors parti mill-art qed tintuża mill-Malta Freeport, parti sostanzjali ta' l-art, inkluż il-fond "Falcon House" kienet r-residenza tar-rikorrent u għalhekk fil-pussess tiegħu. Il-Gvern għadu ma utilizzax dawn il-partijiet, iżda l-Gvern baqa jirrifjuta li jirrilaxja dawn l-artijiet. Għalhekk ir-rikorrent sostna li ma jeżistix interess pubbliku għat-teħid ta' dawn l-artijiet.

*prinċipji [liema prinċipji jkomplu jelaboraw l-insenjament ta' din il-Qorti f'ġjudikati oħra, fosthom fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet "L-Onor. Perit Dominic Mintoff et vs Onor Prim Ministru et", deciza fit-30 ta' April, 1996]:*

*a) Il-ligijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jesproprja proprjeta' ta' individwi huma rikonoxxuti bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' żvilupp soċjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita'. Hu paċifiku li dan id-dritt huwa rikonoxxut kemm fl-art. 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Infatti l-Kostituzzjoni tipprovdi li ebda haġa fl-art. 37, li jenunċja l-jedd fondamentali ta' l-individwu kontra t-teħid obligatorju tal-proprjeta' tiegħu,"m'għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew il-ħdim ta' xi liġi sa fejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta'..." Fl-istess vena l-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll, li wkoll jenunċja l-istess dritt, jipprovdi li d-disposizzjonijiet f'dak l-artikolu "m'għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni".*

*b) Kellu jkun ukoll manifest illi d-dritt mogħti lill-Istat li b'liġi jesproprja l-proprjeta tal-privat, ma kienx u ma huwiex wieħed assolut u insindakabbli, iżda kellu jiġi eżerċitat strettament fil-parametri stabbiliti mhux biss fil-liġi li tawtorizza l-esproprju, imma wkoll fl-osservanza sħiħa tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward l-operat ta' l-Istat hu soġġett għall-verifika mill-organi ġudizzjarji.*

*c) Id-dritt ta' l-esproprju mogħti lill-Istat għandu jitqies li hu eċċezzjoni, ossia limitazzjoni tad-dritt fondamentali ta' kull individwu li jgawdi il-proprjeta' paċifika tal-possedimenti tiegħu. Dan ifisser li l-jedd ta' l-individwu kellu jipprevali fejn l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-Liġi li bis-saħħa tagħha aġixxa. Il-limitazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali, kif enunċjati kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni, kellhom allura jiġu applikati restrittivament fis-sens li f'każ ta' dubju dak id-dubju kellu jmur favur l-individwu u mhux favur l-Istat. Dan naturalment ma jfissirx li fejn l-Istat għandu marġini wiesgħa ta' azzjoni dan kellu jiġi b'xi mod imnaqqas jew imxekkel b'xi proċess ta' interpretazzjoni.*

*d) Una volta l-limitazzjoni kienet favur l-Istat, kien jispetta lil, u jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-każ partikolari taħt eżami kienu jokkorru dawk l-elementi sine qua non meħtieġa biex jintitolawh jaġixxi fil-konfront ta' l-individwu b'miżura, in forza ta' liġi, li tkun ser tipprivah mill-possedimenti tiegħu jew l-użu tagħhom. Rikonoxxut li d-dritt ta' l-Istat li jesproprja jew jillimita l-użu tal-possedimenti ta' l-individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tiegħu, kien ċar illi dak id-dritt kellu jiġi eżerċitat biss fejn u sa kemm kien neċessarju. Dan għax kien fuq kollox obbligu primarju ta' l-Istat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali ta' individwu, iwettaqhom u jħarishom. L-Istat allura, ma kellux, bla raġuni valida u*

*ġustifikattiva skond il-liġi, il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, bla bżonn ixekkel il-jedd ta' individwu għat-tgawdija tal-possedimenti tiegħu, u tali xkiel fejn meħtieġ, kellu mhux biss ikun proporzjonat, mal-ħtiġijiet tal-kollettivita' imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-ħtiġijiet tagħha. Minn dan joħroġ il-prinċipju bażilari għall-mertu taħt eżami li fejn il-proċess tat-teħid tal-proprjeta' ma jkunx ġie konkjuż, u allura il-miżura setgħet titqies f'dak l-istadju bħala waħda ta' teħid ta' pussess jew regolament ta' użu ta' proprjeta', l-Istat kellu l-obbligu li jirrilaxxja l-possediment lill-individwu, proprjetarju tagħhom biex igawdihom appena ikun jirriżulta li ma kienetx għadha tokkorri r-raġuni valida u ġustifikattiva li pprovokat l-azzjoni ta' l-Istat."*

...

*Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), fil-kawża deċiża fit-23 ta' April, 2010, fl-ismijiet,* ***Andrew u Lorena konjugi Vella, u Olympia Borg u żewgha Michael għal kull interess li jista' jkollu vs Kummissarju ta' l-Art, Segretarju Parlamentari Erarji Pubbliċi u Artijiet fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, Ministru Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, Ministru ghal Għawdex, L-Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu,*** *spjegat:*

*Il-poter amministrattiv tal-Gvern li jieħu taħt idejh proprjeta' privata hija indiskussa u insindikabbli; dak li jista' jiġi kuntestat huwa l-mod kif jaġixxi u r-raġuni għala ittieħdet art partikolari u l-kumpens offrut. Dan hu rifless ukoll fl-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jiddisponi li ħadd m'għandu jiġi mċaħħad mill-proprjeta' tiegħu jekk mhux versu kumpens xieraq determinabbli minn Qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi, u fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea li jgħid li, "Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku....."*
*Dak li għandu dritt jikkontesta l-proprjetarju huwa l-iskop pubbliku tat-teħid tal-pussess, iżda mhux id-dritt insitu fil-Gvern li jesproprja proprjeta' fl-interess pubbliku. Id-dritt taċ-ċittadin interessat li jikkontesta l-iskop tal-esproprijazzjoni jinsab determinat f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna (fosthom "Vella vs Direttur tad-Djar" deċiża mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Jannar, 1994, u "Bezzina Wettinger vs Kummissarju ta' l-Artijiet et", deċiża mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Ottubru, 2003, u diversi kawżi oħra li ġew deċiżi fil-perjodu bejn dawn iż-żewġ sentenzi), iżda dritt biex dak li jkun Qrati tal-Ġustizzja jikkontesta d-dritt tal-Gvern li jesproprja art ma jeżistix u ma jistax jiġi kontemplat, peress li dan id-dritt huwa insitu fl-Awtorita' tal-Gvern. Kif ingħad, huwa l-eżerċizzju ta' dak id-dritt li jista', fil-każ partikolari, jkun challenged, u mhux id-dritt innifsu.*

...

*Ir-rikorrenti, b'dawn il-proċeduri, mhux qed jikkontestaw irregolarita' proċedurali tal-esproprju, u lanqas f'dan l-istadju, l-adeguatezza tal-kumpens*

*offrut (għalkemm ġia' irriffjutaw il-kumpens offrut) iżda l-iskop li għalih sar l-esproprju u l-mod ta' kif sar.*

*Skond il-liġi, senjament, il-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju ta' l-Artijiet ma hu bl-ebda mod obbligat li jikkonsulta ruħu jew jagħti smigħ lill-persuni interessati, inkluż is-sidien, qabel ivara l-proċedura ta' esproprijazzjoni. Lanqas il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ma jirrikjedu dan, basta li l-proċess isir fl-interess pubbliku u s-sidien jingħataw kumpens ġust.*

*Trattat issa l-iskop tal-esproprju in kwistjoni, din il-Qorti tara li l-intimati irnexxielhom jissodisfaw dan l-oneru mixħut fuqhom, u wrew li l-interess pubbliku kien jiġġustifika l-esproprju kontestat. Mill-provi jirriżulta li fl-1984, il-Gvern ta' dak iż-żmien, kien nieda politika għall-protezzjoni tal-ambjent, u t-Town Planning Division tal-Ministeru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura kien ħareġ avviż lill-pubbliku biex min hu interessat japplika għal areas li jkollhom bellezza naturali. Fil-fatt, fl-avviż, ingħad li:*

*"The public is therefore being invited to identify features of the Maltese cultural and natural heritage, which it feels should be included in the Conservation and Preservation Plan".*

*Certu Anthony Camilleri li joqgħod in-Nadur fl-inħawi tas-sit in kwistjoni, tefa' suġġeriment li tiġi salvagwardata l-veduta pittoreska fin-naħa tan-nofsinhar tan-Nadur. Għall-ħabta tal-1985 ġew xi membri tal-bord inkarigati mill-proċess, ħadu xi ritratti tal-area indikata minn din il-persuna, u beda l-proċess. Infetaħ file bi pjanta li ġġib in-numru LD 116/A/84.*

*Xi zmien wara, il-Gvern iddeċieda li jwettaq il-proċett u esproprja l-art b'dikjarazzjoni maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Ġunju, 1991. Din l-art tmiss f'livell aktar baxx, mal-proprjeta' tar-rikorrenti. L-iskop ta' l-esproprju kien biex il-pubbliku in ġenerali u t-turisti jkunu jistgħu jgawdu l-veduta sabiħa li, bla dubju, hemm mill-inħawi.*

*Din l-art esproprjata, li qabel kienet tal-Knisja tan-Nadur, ġiet irranġata fil-belvedere meritu ta' din il-kawża.*

*...*

*Fil-fehma tal-Qorti, dan l-esproprju kien meħtieġ fl-interess pubbliku, għax darba seħħet l-esproprju tal-1991, u din la ma ġiet bl-ebda mod kontestata, saret definittivament għal skop pubbliku, kien meħtieġ li dak l-iskop jibqa' effettiv u biex isir dan kellha ssir l-esproprjazzjoni tal-2008. Ma hemm xejn ħazin li, meta l-Gvern jara li proġett mniedi żmien ilu, ikun se jkollu l-effetti tiegħu sfrustrati, li jipprova jirrimedja għall-istess. Il-Gvern jista' jirrimedja anke għan-nuqqasijiet tiegħu. Hekk, per eżempju jekk il-Gvern jesproprja art b'titolu ta' użu u joffri kera baxxa, liema esproprju jigi dikjarat li jkun jikser id-drittijiet fundamentali tas-sid, il-Gvern ma jagħmel xejn ħażin jekk jittenta jesproprja l-*

*istess proprjeta' b'titolu ta' dominju pubbliku u joffri kumpens akbar – dejjem jekk l-iskop ikun wieħed ta' interess ġenerali. Fi kliem ieħor, ma hemm xejn kontra li l-Gvern jipprova jagħmel tajjeb għan-nuqqas riskantrat mill-Qrati ta' dawn il-gżejjer (ara bħala rifless fuq dan, is-sentenza "Gera de Petri Testaferrata Bonnici Għaxaq vs Kummissarju tal-Artijiet", mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Mejju 2007).*

*...*

*Biex jinħoloq belvedere fl-interess ġenerali hu ċertament proġett fl-interess pubbliku u biex dan il-proġett jibqa' effettiv u gawdut, għandu, għalhekk jitqies aġir fl-interess pubbliku.*

*Hu veru li, bil-proġett, ir-residenti fit-triq li tmiss mal-belvedere sejrin, forsi, igawdu aktar minn kulħadd peress li d-djar tagħhom se jkunu magħmmra b'veduta sabiħa, pero', dan ma jeskludix l-iskop pubbliku jekk jirriżulta interess ġenerali fit-twettiq ta' dak il-proġett. La darba mill-esproprijazzjoni se jgawdi l-poplu Malti u Għawdxi kollu b'mod ġenerali, l-iskop jibqa' wieħed aċċettat, avolja jista' jkun hemm xi individwi li jistgħu jgawdu aktar mill-oħrajn mit-twettiq ta' l-istess proġett. It-teħid tal-art f'dan il-każ ma saritx biex takkomoda l-interessi purament personali ta' terzi privati, iżda bl-iskop li għandu x'jaqsam ma jew jiswa' għall-interess jew qadi tal-pubbliku. Inoltre, kif ingħad, l-iskop tal-esproprijazzjoni li saret fl-2008 kien biex jibqa' fis-seħħ l-iskop tal-esproprijazzjoni li saret fl-1991, u din l-aħħar esproprijazzjoni u l-iskop tiegħu qatt ma ġew kontestati.*

*...*

*Kawża oħra interessanti kienet dik mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' April 2016, fl-ismijiet,* ***Bernard Gauci f'ismu proprju u għan-nom u in rapprezentanza ta' ħuħ imsiefer l-Avukat Gotthard Gauci; Sylvia Gauci mart Francis Sciberras, minnu legalment separata; Nutar Dottor Rosella Sciberras, għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefra tabiba Dottor Patricia Stewart; Ann armla minn Anthony Tabone u Susan mart Joseph Sullivan, Jane, xebba, u Rebecca mart Riccardo Baldacchino, minnu legalment separata, ilkoll aħwa Tabone; Mary armla minn Ronald Parker; Norah mart Peter Corcoran; Elizabeth mart Peter Tabone; Edward Tabone; John Tabone; Joseph Tabone; Mary mart Paul Muscat; Anthony Grima; Mary Rose mart Andrew Farrugia; Joseph Grima; Mary Anne mart Gordon Valentino; Josephine mart Joseph Xuereb; Maria Dolores sive Doris mart Paul Fenech, f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefra Victoria mart Henry Sturcke; u Joseph Carmel sive Charles u John, aħwa Grima; u b'digriet tal-11 ta' Novembru, 2010, l-atti għaddew fil-persuna ta' Theresa armla minn Carmel Grima, Sharon Marie Cutajar, Sonia Stewart, u Sarah Grima, wara l-mewt tar-rikorrent Carmel Grima fil-mori tal-kawża; u b'digriet tal-14 ta' Mejju, 2015, Manuela sive Lily Bonnici assumiet l-atti tal-kawża flimkien mar-rikorrenti l-oħrajn. v. Il-Kummissarju Tal-Artijiet, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-***

***Ministeru għall-Finanzi, Ekonomija u Investiment; u l-Avukat Ġenerali, għal kull interess li jista' jkollu.*** *L-ewwel Qorti kienet sostniet, fost kunsiderazzjonijiet oħra, li:*

*...*

*Illi lment ewlieni tar-rikorrenti f'dan il-każ hu li t-teħid tal-art miksuba minnhom ma kienx tassew magħmul b'għan ta' użu pubbliku, tant li għaddew snin kbar minn mindu l-art ittiħditilhom u sallum baqa' ma sarx minnha użu pubbliku: mhux hekk, biss, iżda jgħidu li issa l-art ingħatat lil terzi persuni privati għal għanijiet ta' qligħ kummerċjali u li jċaħħad lilhom, bħala s-sidien, milli jinqdew bi ħwejjiġhom jekk iridu bl-istess mod;*

*...*

*Illi, fis-sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti jisħqu li tant kien vag il-ħsieb li għalih l-art ittieħdet, li ħadd ma seta' jgħid x'kien tabilħaqq l-iskop pubbliku li għalih l-art suppost ittieħdet mill-Gvern b'xiri assolut.*

*Huma jisħqu li l-art kienet ittiedet għat-twessigħ ta' toroq, imma baqa' qatt ma sar xejn f'dan ir-rigward. Il-Qorti hija tal-fehma li jekk hu minnu li l-art tar-rikorrenti ttieħdet għat-twessiegħ jew ghall-formazzjoni ta' triq, dan jixhed li tassew kien hemm skop pubbliku u għalhekk l-ilment tar-rikorrenti jillimita ruħu dwar jekk, f'każ li tassew l-għan tat-teħid kien dak li jgħidu huma, seħħx ksur tal-jedd tagħhom talli sallum dak l-għan baqa' ma twettaqx u l-użu maħsub baqa' ma sarx. Il-Qorti temmen li, mill-provi mressqa, mkien ma ħareġ li l-għan għat-teħid kien tabilħaqq għall-formazzjoni ta' triq ġdida jew it-twessiegħ ta' xi triq eqdem, iżda tqis li l-għan veru kien it-titjib tal-bajja u l-faċilitajiet tagħha għall-pubbliku, l-aktar meta wieħed iqis li fiż-żmien li l-art ittieħdet il-qasam tat-tisbiħ tal-pajjiż u t-turiżmu kienu bdew jiġbdu l-attenzjoni tal-amministrazzjoni pubblika;*

*Illi bil-kliem "skop pubbliku" l-liġi tifhem kull għan li jkollu x'jaqsam mal-użu esklussiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le). Illum il-ġurnata huwa aċċettat li t-tifsira ta' "skop pubbliku" li wieħed isib fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 88 trid tinftiehem fid-dawl ta' osservazzjonijiet magħmulin f'xi sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna fl-aħħar snin. B'dan il-mod, għalhekk, joħroġ li l-kejl tal-għan pubbliku huwa dak tal-interess ġenerali tal-kollettivita` b'kuntrast mal-interess tal-indvidwi.*

*Dan ifisser, li l-fatt waħdu li ġid jittieħed mingħand persuna waħda biex jingħata lil persuna oħra ma jġibx b'daqshekk in-nuqqas ta' interess pubbliku, jekk tassew ikun jirriżulta li dak it-teħid ikun seħħ għal għan pubbliku. Ifisser ukoll li l-fatt waħdu li post jittieħed biex jintuża għal skop kummerċjali ma jġibx b'daqshekk li l-għan maħsub mhuwiex wieħed pubbliku jew li mhuwiex fl-interess pubbliku;*

…

*Illi, b'żieda ma' dan, irid jingħad li t-teħid ta' art b'esproprju bla ma jkun identifikat b'mod preċiż il-progett li għalih l-art tkun ittieħdet ma għandux iġib ma jiswiex dak it-teħid jew li jiġi b'hekk nieqes l-interess pubbliku jew ġenerali maħsub. Sakemm il-Gvern jipprova kif jixraq u għas-soddisfazzjoni tal-Qorti li hemm utilita` pubblika fit-teħid tal-ġid li jkun u sakemm l-għan tat-teħid ma jitħalliex biss bħala ħsieb ipotetiku ta' ħtieġa potenzjali, it-teħid fl-interess pubbliku għandu jitqies li jkun ippruvat kif imiss;*

*Il-Qorti Kostituzzjonali spjegat li fl-appell, wieħed mill-aggravji kien li l-espropriju kien priv mill-interess pubbliku u, anke jekk kienet teżisti xi utilità pubblika, kien hemm sproporzjonalità esagerata bejn din l-utilità u l-hardship li sofrew, u għadhom qed isofru, l-atturi. Il-Qorti ddeċidiet hekk dwar dan l-aggravju:*

*27. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-atturi jilmentaw illi nkisru d-drittijiet fundamentali tagħhom ikkontemplati taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll taħt il-Protokoll Numru wieħed tal-Konvenzjoni Europea dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*28. Skont l-atturi, dan huwa l-każ prinċipalment għaliex ma kien hemm l-ebda "interess pubbliku" li għalih ittieħdet l-art in kwistjoni u l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw tali "interess pubbliku," meta dik il-prova kienet tispetta lilhom. Huma jgħidu li l-iskop għat-teħid tal-art tagħhom mill-Gvern kien wieħed vag u opak għall-aħħar, ikkappeġġjat mill-frażi "Għadira Scheme", u għalhekk isostnu illi din il-Qorti għandha tifli l-provi prodotti sabiex tivverifika jekk huwiex minnu li l-art ittieħdet fl-"interess pubbliku".*

*29. L-atturi jżidu li anke jekk, għall-grazzja tal-argument, fl-1957 kien hemm ippjanat xi tip ta' proġett bħall-bini ta' triq fuq l-art in kwistjoni, dan qatt ma ġie attwat u anzi maż-żmien jidher li l-uniku skop li għalih ġiet użata parti mill-art in kwistjoni kien biex il-privat jinnegozja u jagħmel profitti minnha. L-atturi jsostnu illi d-dħul minn dan in-negozju qiegħed igawdih unikament terz privat u l-Gvern m'hu qed jibbenefika xejn minnu ħlief li l-Kummissarju intimat idaħħal il-ħlas nominali ta' Lm1 fis-sena għall-parti fejn jitqiegħdu l-umbrellel u miżata oħra irrilevanti titħallas lill-Awtorita` tat-Turiżmu. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-atturi jinsistu li minflok ma l-art tiġi konċessa lil terzi sabiex dawn jispekulaw u jagħmlu profitti minnha din kellha tiġi ritornata lill-atturi biex almenu jkunu huma, is-sidien tal-istess art, li jagħmlu tali qliegħ.*

*30. L-atturi jkomplu jgħidu illi l-interess pubbliku għandu jibqa' jissussisti għall-perjodu kollu tal-interferenza mill-Istat u jekk tali interess pubbliku jiġi nieqes, tiġi nieqsa wkoll il-bażi leġittima għal dik l-interferenza. Peress illi l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li bejn meta ttieħdet l-art bl-ewwel dikjarazzjoni u l-1974 qatt ma sar xejn u li minn dik id-data 'l quddiem jidher li minnha bdew joperaw interessi*

*privati l-ewwel Qorti messha ikkonkludiet illi kien ġie nieqes l-"skop pubbliku" għat-teħid tal-art in kwistjoni.*

*31. Fi kwalunkwe kaz l-atturi anki jekk jiġi ritenut li kien hemm xi utilita` pubblika f'dan kollu meta wieħed iqabbilha mal-hardship li sofrew l-atturi, fejn ġie sfrattat kuntratt ta' kiri tal-art għall-karavans, u għadhom qed isofru l-atturi, hija waħda esageratament sproporzjonata, liema sproporzjonalita` tirrendi l-istess esproprijazzjoni bħala waħda nulla u illegali.*

*...*

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

*35. Dak li din il-Qorti qed tiġi mitluba tiddeċiedi permezz tat-tieni aggravju tal-atturi u l-ewwel aggravju tal-konvenuti huwa prinċipalment:*

*a. jekk kienx jeżisti "skop pubbliku" għat-teħid tal-art tal-atturi mill-1957 sal-lum; u*
*b. jekk kien jeżisti dan l-iskop, jekk intlaħaqx dak il-bilanċ bejn l-interess pubbliku u d-dritt fundamentali tal-atturi għall-proprjeta` tagħhom meħtieġ kemm taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taħt l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea.*

*L-Eżistenza ta' Skop Pubbliku*

*36. In vista tal-fatt illi l-ewwel aggravju li ressqu l-atturi ġie respint, din il-Qorti m'hijiex ser tikkonsidra dak l-aspett ta' dan it-tieni aggravju tal-atturi fejn jirrigwarda l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ser tillimita ruħha għal dak l-aspett ta' dan it-tieni aggravju li jirrigwarda l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea.*

*37. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti għamlet analiżi approfondita tal-kunċett ta' "interess pubbliku" jew "skop pubbliku" kif ġie interpretat mill-Qrati Maltin kif ukoll mill-Qorti Europea matul iż-żminijiet u għalhekk ma hemmx il-ħtieġa li terġa' tirrepeti dawk il-prinċipji li jiggvernaw dan il-kunċett u dan għaliex ġia` ġew spjegati korrettment u fid-dettal fis-sentenza appellata u f'diversi sentenzi oħrajn. Ara, per eżempju, s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet "Tarcisio Borg vs. Is-Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u l-Kummissarju tal-Artijiet;" is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Diċembru 1993 fl-ismijiet "Dr. Carmelo Vella et vs. Segretarju tad-Djar et" kif ukoll dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Diċembru 1993 fl-ismijiet "Carmelo Vella et vs. Segretarju tad-Djar."*

*38. Għandu jkun biżżejjed li din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tagħha tas-26 ta' April 2013 fl-ismijiet Carmen mart Carmel Zammit et v. Kummissarju tal-Artijiet et fejn il-Qorti osservat li in tema legali u fis-suċċint, din il-materja hija regolata mis-segwenti principji:*

*"[18] L-oneru tal-prova li l-espropriju sar fl-interess pubbliku jirrisjedi fuq l-Istat. Dan l-interess għandu jibqa' jissussisti sal-mument li l-art tkun defenittivament għaddiet f'idejn l-Istat bil-konkluzjoni tal-proċeduri ta' esproprijazzjoni. L-interess pubbliku hu mmirat lejn il-ġeneralita` u marbut mal-finalita` aħħarija li għaliha l-proprjeta` qed tintuża, u dan indipendentement minn jekk dik l-attivita` tkunx magħmula minn awtorita` pubblika; ma jista' qatt jirreferi għall-interess essenzjalment privat, u l-interess huwa dejjem privat meta m'għandux applikazzjoni għal ġeneralita` taċ-ċittadin, tal-universalita` tal-pubbliku fl-Istat. Mill-banda l-oħra pero` il-fatt li terz privat, individwu, jibbenefika ukoll mill-esproprijazzjoni jew ikun involut b'xi mod fit-tħaddim anke jekk bi profitt għalih, ta' proġett li jkun fl-interess pubbliku u li jkun jirrikjedi esproprijazzjoni ta' art jew possediment ieħor, ma jfissirx neċessarjament li dik l-esproprijazzjoni ma tkunx saret fl-interess pubbliku. L-interess pubbliku jinkludi kull aspett tal-ħajja soċjali tal-pajjiż, inkluż skop kulturali. Dan l-iskop, soċjali jew kulturali jolqot firxa differenti ta' nies, anke jekk ikun hemm persuni li ma jinteressawx ruħhom f'attivitajiet ta' din ix-xorta."*

*39. Għalhekk, il-fatt waħdu li l-art tal-atturi jew parti minnha wara li ttieħdet minn għandhom mill-Gvern intużat għal skopijiet kummerċjali li jġġeneraw profitti lil terzi ma jfissirx b'daqshekk li dak it-teħid ma sarx għal skop pubbliku, kif donnhom jimplikaw l-atturi. Lanqas ma jfisser li l-esproprijazzjoni ma saritx fl-interess pubbliku jew għal skop pubbliku sempliċiment minħabba l-fatt li l-Gvern m'hux jagħmel profitt finanzjarju minnha.*

*40. Hekk fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet John Mousu et v. Direttur tal-Lottu Pubbliku et kif ukoll fis-sentenza tagħha tal-11 ta' April 2006 fl-ismijiet Maria Stivala v. Direttur tal-Lottu Pubbliku ingħad li:*

*"Ma jistax jiġi eskluż li jkun hemm sitwazzjonijiet fejn art tittieħed mingħand persuna biex tingħata lil persuna oħra u dan ikun fl-interess pubbliku. Dan jista' jseħħ f'kuntest ta' promozzjoni ta' ġustizzja soċjali bħal ma ġie rikonoxxut mill-Qorti Europea fil-kaz James vs. U.K. (1986)…"*

*41. Hekk ukoll fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq v. Avukat Ġenerali ġie ritenut li:*

*"… ma jfissirx li l-proprjeta` privata ma tistax tittieħed anke biex jiġu promossi (anke jekk mill-privat) attivitajiet kummerċjali li jkunu direttament, jew forsi anke indirettament, fl-interess pubbliku." Ara wkoll Q. Kost. Carmen Zammit et v Kummissarju tal-Artijiet et, 26/4/2013; Q. Kost. Mario Cutajar noe. v Kummissarju tal-Artijiet et, 30/11/2001; Q. Kost. Emanuel Vella pro. Et noe. v Kummissarju tal-Artijiet et, 27/3/2003*

*42. Fis-sentenza tal-Qorti Europea fl-ismijiet James and others v. United Kingdom (21/2/1986, #40) il-Qorti Europea wkoll enunċjat dan il-prinċipju:*

*"… the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending on circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest."*

*u kompliet tirritjeni li:*

*"The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment be manifestly without reasonable foundation."*

*43. Mill-analiżi tal-provi prodotti irriżulta biċ-ċar illi l-għan tat-teħid tal-art tal-atturi jew parti minnha kien it-titjib tal-bajja u l-faċilitajiet tagħha għall-pubbliku u dan fi żmien meta l-ħtieġa ta' tisbiħ tal-pajjiż kien qiegħed jiġbed l-attenzjoni tal-amministrazzjoni pubblika anki għall-promozzjoni tal-pajjiż bħala destinazzjoni turistika minħabba l-impatt pożittiv li seta' jkollu, u rriżulta li kellu, t-turiżmu fuq l-iżvilupp ekonomiku ta' Malta. Din il-Qorti, għalhekk, ma taqbel xejn li l-iskop għat-teħid tal-istess art mill-Gvern kien wieħed vag u opak jew li t-teħid tal-istess art jista' jitqies li huwa "manifestly without reasonable foundation" u li konsegwentement ma kienx hemm skop pubbliku għat-teħid tal-istess art. Din il-Qorti tikkonvidi pjenament dak ritenut mill-ewwel li:*

*"Dak it-teħid kien marbut mal-użu li kellu jsir tar-ramla pubblika popolari ħafna b'aċċess għall-pubbliku in generali. Il-Qorti tifhem li t-tisħiħ ta' infrastruttura maħsuba ghall-użu mill-pubbliku tal-faċilitajiet tal-għawm huwa fih innifsu għan rilevanti ta' xejra pubblika, minbarra l-effetti ewlenin li dan iħalli fil-qasam tal-industrija tas-servizzi marbuta ma' t-turiżmu u t-tkabbir ekonomiku tal-pajjiż.*

*Minbarra dan, it-teħid fl-interess pubbliku johrog ukoll fejn art tittieħed bla ma tkun żzviluppata, b'mod partikolari fejn l-għan tat-teħid ikun wieħed maħsub li jħares l-ambjent oriġinali jew iżommu f'kundizzjoni pristina."*

*44. L-esproprijazzjoni de quo hija għalhekk intiża biex tassigura l-attwazzjoni ta' żvilupp soċjali, ekonomiku, turistiku kif ukoll ambjentali fl-interess tal-kollettivita` konsonanti mal-valuri irikonoxxuti f'soċjeta` demokratika.*

*45. In sostenn ta' dan l-aggravju l-atturi issottomettew li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li bejn meta ttieħdet l-art bl-ewwel dikjarazzjoni fl-1957 u l-1974 qatt ma sar xejn da naħa tal-Gvern bl-art in kwistjoni u minn meta l-art ittieħdet lura mill-atturi sal-1974 l-interess pubbliku ma kienx jeżisti.*

*46. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tosserva li l-fatt li proġett ikun għadu ma immaterjalizzax minkejja t-trapass taz-zmien, ma jwassalx neċessarjament għall-konklużjoni li l-espropriju ma jkunx sar fl-interess pubbliku, għax jista' jkun hemm fatturi li jispjegaw u jiġġustifikaw dan id-dewmien. Inoltre, kif ġia` ritenut*

*minn din il-Qorti, "Mhux eskluż li proprjeta` tiġi esproprijata fl-interess pubbliku għax kien hekk meħtieġ biex tiġi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' proġett ta' utilita` partikolari fil-kuntest tal-iżvilupp partikolari taz-zona, jew biex tagħti lok, per eżempju, għall-espansjoni futur tal-istess progett. (Q. Kost. Pawlu Cachia v Avukat Ġenerali, 28/12/2001)*

*47. Mill-provi prodotti, din il-Qorti hija perswaza illi l-interess pubbliku għat-teħid tal-art in kwistjoni kien jeżisti sa mid-data meta ttieħdet mill-atturi fl-1957 sal-ġurnata tal-lum.*

*In-Nuqqas ta' Proporzjonalita` bejn l-Interess Pubbliku u d-Dritt tal-Atturi għall-Proprjeta`*

*48. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-atturi jargumentaw ukoll illi anke jekk kellu jiġi konċess illi hemm xi utilita` pubblika fit-teħid tal-art tagħhom, meta dan jigi mqabbel mal-hardship li sofrew u għadhom qed isofru l-atturi hemm sproporzjon esagerat li jirrendi l-espropriju null u illegali.*

*49. Huwa ormai stabbilit li f'materja ta' teħid forzat ta' proprjeta` jinħtieg li jinżamm bilanċ bejn l-interess privat u l-interess ġenerali. Ara fost oħrajn Q. Kost. Peter Azzopardi noe. v Kummissarjuj tal-Artijiet et, 11/11/2011, #34; Dr David Tonna et v Kummissarju tal-Artijiet, 3/3/2011; Q. Kost. John Caruana et v Kummissarju tal-Artijiet, 31/10/2014, #22; ara wkoll ECHR Pincova and Pinc v The Czech Republic, 5/11/2002, #52; ECHR "Hutten-Czapska v Poland", 19/6/2006, #167.*

*50. Il-fatt li s-sidien tal-proprjeta` li ġiet esproprijata ma jkunux tħallsu kumpens meta ttieħdet il-proprjeta` jew ikun hemm dewmien kbir fl-għeluq tal-proċess għall-ħlas ta' tali kumpens huwa fattur determinanti għall-Qorti meta tiġi biex tqis jekk ikunx inżamm bilanċ bejn l-interess privat u dak ġenerali.*
*51. Peress illi l-atturi ma tħallsux kumpens meta ttieħdet il-proprjeta` tagħhom fl-1957 u għadhom sal-ġurnata tal-lum mingħajr l-ebda kumpens għall-proprjeta` tagħhom li ġiet esproprjata mill-Gvern, din il-Qorti taqbel perfettament mal-konklużjoni li wasslet għaliha l-ewwel Qorti illi kien hemm tassew piż sproporzjonat fuq l-atturi għall-finijiet tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea u dan minħabba d-dewmien esaġerat fil-proċess biex jitħallas il-kumpens u jsir it-trasferiment aħħari tat-titolu tal-art in kwistjoni. L-atturi mhux biss kienu imċaħħdin għal kollox minn kull sura ta' kumpens li kien jistħoqqilhom għall-esproprijazzjoni tal-art tagħhom iżda kienu wkoll imċaħħdin minn kwalunkwe dħul mill-użu tal-imsemmija art.*

*52. Din il-Qorti għalhekk ma taqbilx mal-konvenuti li l-allegazzjoni ta' lezjoni kellha semmai ssir wara li jiġi stabbilit il-kumpens u dan minħabba l-fatt li ma setax jiġi offrut kumpens peress li l-istess sidien qatt ma fornew il-prova tat-titolu lill-Kummissarju tal-Artijiet.*

*53. Huwa dmir tal-Kummissarju li jieħu dawk il-proċeduri opportuni biex jassigura li l-każ jimxi bid-debita ċelerita` u kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ Frendo Rando et v. Kummissarju tal-Art et deciza fl-4 ta' Frar 2000:*

*"… jinkombi (fuq) l-Kummissarju tal-Art li jistabbilixxi (min huma) s-sidien tal-art u li jagħmel dak kollu neċessarju sabiex dawn jiġu notifikati u l-proċeduri jipprosegwu regolarment. Għalhekk mhux skużanti għall-Kummissarju tal-Art li jgħid li l-atturi naqsu li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa dwar it-titolu tagħhom. Inoltre jiġi osservat li l-liġi (Kap. 88) ma tippermetti ebda skuża għal dewmien għad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq …"*

*54. Madankollu, din il-Qorti taqbel ma' dak ritenut mill-ewwel Qorti li l-fatt li kien biss wara bosta snin li l-atturi talbu lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jersaq għal-likwidazzjoni tal-kumpens u baqgħu ma nqdewx bil-proċedura biex jitolbu lill-Qorti tordna lill-intimat biex jibda l-proċess tal-ħlas tal-kumpens u x-xiri tal-art huwa fattur li kellu jittieħed qies tieħu għall-fini li jiġi kalibrat l-ammont ta' kumpens morali mistħoqq.*

*55. Kif osservat din il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża Frendo Randon (Q. Kost. "Dr. Rene' Frendo Randon et vs. Il-Kummissarju tal-Art et.", 10/7/2009, #62):*

*"Kif ġie rilevat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha "Paul Fenech vs Kummissarju tal-Artijiet", deċiża fl-20 ta' Frar 2009, f'każijiet bħal dak odjern kien jeżisti rimedju ordinarju, fejn sid l-art jistitwixxi procedura ċivili fejn jitlob lill-Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih, il-Kumissarju tal-Artijiet irid jaġixxi biex ikompli l-proċedura tal-esproprjazzjoni. Għalkemm ir-rikorrenti appellanti utilizzaw dan ir-rimedju biss fl-1996, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li huma kellhom jagħmlu użu minn dan ir-rimedju għexieren ta' snin qabel, u kieku għamlu hekk, forsi li d-dewmien f'dan il-każ kien jonqos konsiderevolment. Konsegwentement, fil-likwidazzjoni tad-danni morali, għandu jittieħed ukoll kont tal-fatt li r-rikorrenti appellati jaħtu wkoll f'ċertu sens, għalkemm b'mod limitat ħafna, għal dan id-dewmien għaliex għal snin sħaħ naqsu li jutilizzaw rimedju ordinarju disponibbli għalihom."*

*56. Għaldaqstant, u għar-ragunijiet hawn fuq mogħtija, it-tieni aggravju tal-atturi u l-ewwel aggravju tal-konvenuti qed jiġu respinti."*

Applikati dawn l-insenjamenti għall-każ odjern il-Bord sejjer issa jindirizza t-tielet element meħtieġ fl-azzjoni taħt l-Artikolu 63(1) u cioe' illi l-art ma tkunx intużat għall-iskop pubbliku għal perjodu ta' aktar minn għaxar snin minn meta tkun inħarġet id-Dikjarazzjoni, fl-isfond tad-difiża sollevata mill-Awtorita taħt l-Artikolu 63(5) tal-Kap 573 u ċioe illi l-Bord tal-Arbitraġġ għandu jiċħad ir-rikors għat-tħassir tad-dikjarazzjoni jekk kemm-il darba l-awtorità tagħti raġunijiet validi għaliex l-art baqgħet ma ntużatx għal dawn is-snin kollha jew turi għas-sodisfazzjoni tal-Bord li għad hemm interess pubbliku fl-akkwist ta' dik l-art.

M'hemmx dubbju li t-trapass tal-10 snin mid-data tad-Dikjarazzjoni imsemmi fil-Liġi f'dan il-każ altru milli għadda. Għalhekk id-dibattitu jrid ikun dwar jekk fl-istess żmien l-art ma ntużatx għall-iskop pubbliku u f'każ li jirriżulta li l-art fil-fatt ma ntużtax għaż-żmien kontemplat mill-Liġi, jekk l-Awtorita irnexxilhiex tagħti raġunijiet validi għaliex l-art baqgħet ma ntużatx għal tali żmien jew turi għas-sodisfazzjoni tal-Bord li għad hemm interess pubbliku fl-akkwist ta' dik l-art.

Mill-affidavit tar-rikorrent Raymond Miller (fol 32 *et seq*) ħareġ li wara l-esproprju huwa personalment mar diversi drabi fuq il-post u mar anke fil-mori tal-kawża f'Ġunju 2022 u li l-art ma ġietx fiżikament okkupata u għadha fl-istat oriġinali tagħha. Fil-fatt mal-affidavit tiegħu eżebixxa *aerial photographs* tas-sit li huwa ħa bejn Settembru 2020 u Ġunju 2022 li juru li matul dan iż-żmien ma kien hemm ebda tibdil fuq l-art. Dan l-istat ta' fatt li l-art in meritu ma ġiet qatt utilizzata u baqgħet fl-istat oriġinali tagħha jirriżulta wkoll mill-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju 2024 fejn ingħad hekk:

> *B'referenza ghall-istat tal-art in meritu, l-Avukat Magro ghall-Awtorita' jiddikjara li l-Awtorita' taqbel li l-pussess tal-art dejjem baqa' f'idejn ir-rikorrenti u li l-art in meritu baqghet fl-istat originali taghha kif indikat fir-ritratti esebiti mir-rikorrenti a fol 34 sa 37.*
>
> *F'dan l-istadju d-difensuri jaqblu li mhuwiex mehtieg li ai finijiet sabiex tigi deciza l-ewwel parti tat-talbiet attrici, jigu nominati Periti Teknici u ghaldaqstant l-istess difensuri talbu li l-Bord jghaddi ghad-decizjoni tieghu fuq il-provi kif migbura.*

Minn dan jemergi ċar li għal finijiet tat-tielet element tal-Artikolu 63(1) m'hemmx dubbju li l-art baqgħet ma ntużatx għall-iskop pubbliku għal aktar minn 10 snin mid-Dikjarazzjoni tant li l-Awtorita qeda taqbel li l-art baqgħet fl-istat oriġinali tagħha u l-pussess dejjem baqa f'idejn l-atturi. Dan jikkonferma wkoll dak li qal l-attur Miller dwar il-passaġġi ossia li huma totalment żdingati u mpossibbli tgħaddi minnhom bil-karozza.

Mix-xhieda Joseph Sammut[2], *senior manager expropriations*, mal-Awtorita intimata, ħareġ li l-art in meritu kienet oriġinarjament mitluba mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi b'ittra datata 26 ta' Mejju 1981 rigward il-proġett 'Risq il-Widien' (Dok JS 1 – fol 60). Mill-minuti tal-file tal-*Public Works* WD649 tan-1981 in konnessjoni ma din l-esproprjazzjoni jirrizulta proprju fil-minuta numru 1 (fol 80) li l-art kienet meħtieġa "*for the development of valleys and adjacent roads i.c.w. Rizq il-Widien Project*".

Mid-dokumenti esebiti minn Dr. Gaetano Vella, *senior information officer* fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi (Dok GV 1 sa GV 49 – fol 79 sa 230) ħareġ illi x-xogħolijiet in konnessjoni mal-imsemmi proġett waqfu b'mod indeterminat u ma kienx hemm intenzjoni li jitkomplew. Di fatti f'minuta 29 (fol 84 *tergo*) datata 12 ta' Mejju

---

[2] fol 57 *et seq*

1988 ingħad illi "*As you know works i.c.w. Rizq il-Widien Project have been suspended for good and there is no intention – as far as I am concerned – that it is going to be continued. I suggest that a survey indicating present position of road and waterways – including earth dams – be carried out as asked in 'x'of min. 8 and a fresh request for acquisition be made on a fait accompli*".

In segwitu għal dan, mill-minuti tal-file ħareġ li fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi baqa għaddej skambju sabiex tiġi identifikata l-art li kellha tiġi esproprjata sakemm b'ittra datata 17 ta' April 2000 (Dok GV 12 – fol 136) mibgħuta mill-*Government Property Division* lill-*Works Division* dawn tal-aħħar intalbu jħallsu l-prezz tal-art lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex ikun jista' jitkompla l-proċess biex tinħareġ id-Dikjarazzjoni Presidenzjali. Din eventwalment ħarġet fl-14 ta' Lulju 2000.

B'ittra datata 4 ta' Lulju 2001 (fol 134) mibgħuta mill-Ministeru għall-Ambjent, Aldo Borg, *Principal Technical Officer* fi ħdan il-*Works Division,* ġie nfurmat li "*the Environment Protection Department had not made any arrangements to appropriate the indicated land*" u permezz ta' ittra datata 18 ta' Jannar 2002 (fol 133) l-istess Aldo Borg talab lid-Direttur tar-*Roads* informazzjoni dwar xogħolijiet li setgħu saru mir-*Roads Department* fl-art in meritu u d-data tad-dħul fl-art, iżda b'ittra datata 25 ta' Jannar 2002 (fol 132) id-Dipartiment tat-Toroq wieġbu li huma ma kellhom ebda proġett fl-art in meritu. Sussegwentement l-istess Aldo Borg talab l-istess informazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali ta' Żebbuġ iżda ma jidhirx li din ġiet imwieġba.

Permezz ta' żewġ ittri datati 5 ta' Ottubru 2004 (Dok GV5 u GV 6 – fol 125 *et seq*) mibgħuta mid-Dipartiment tal-Artijiet lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tax-Xogħolijiet, dan tal-aħħar intalab jgħati '*exact date of taking over*' biex jiġu kkalkulati d-danni u jitħallas il-prezz u ġie nfurmat ukoll illi "*The Department is now in a position to acquire plots 1 to 5 shown in the attached plans. Since several months have elapsed from the issue of the President's declaration the Department has asked for a re-evaluation. The property has been re-valued at LM 16,730*" u ntalab iħallas id-differenza bejn il-valur preċedenti u dak indikat fl-ittra. Lanqas din il-korrispondenza ma jidher li ġiet imwieġba. In fatti l-korrispondenza sussegwenti għal dik tal-2004 sudetta kienet ittra oħra tal-Awtorita tal-Artijiet datata 17 ta' Diċembru 2019 (Dok GV 4 – fol 118) mibgħuta lid-Direttur Ġenerali tal-*Works and Infrastructure Department* fejn intalab informazzjoni dwar jekk l-art in meritu setgħetx tiġi rilaxxjata in vista tal-fatt li s-sidien kienu qed jikkontendu li l-art baqgħet ma ġietx utilizzata mill-Gvern. B'ittra datata 20 ta' Lulju 2021 (Dok GV 2 – fol 107) il-Perit Stephen Bonello, Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi informa lill-Awtorita intimata li l-art in kwistjoni ma setgħetx tiġi rilaxxjata peress li din kienet meħtieġa minn PARKS u fl-istess ittra ntqal li "*upon discussions with PARKS it has been agreed that the Public Works Department will issue its no objection when required so that the land is transferred to PARKS*".

Din hija l-ewwel darba, minn wara d-Dikjarazzjoni ta' esproprju tas-sena 2000, illi ssemmiet entita ġdida b'referenza għall-art ossia *Parks*. Mill-provi ħareġ ukoll li fil-file tal-Awtorita ma jeżistux dokumenti dwar l-użu li sar jew qed isir mill-art. Fl-isfond ta' dawn il-provi l-Bord iqis li l-Awtorita intimata naqset għal kollox milli tagħti raġunijiet validi għaliex l-art baqgħet ma ntużat qatt. Ghalhekk jeħtieġ jiġi eżaminat jekk l-Awtorita intimata rnexxiliex turi għas-sodisfazzjoni tal-Bord li għad hemm interess pubbliku fl-akkwist ta' din l-art.

Il-Bord hawnhekk josserva illi skond is-sit elettroniku ta' Parks Malta din l-entita bdiet l-attivita tagħha fi Frar 2020. Skond ix-xhieda ta' Ivan Farrugia, Head Park Operations fi ħdan Project Green din tal-aħħar assorbiet fiha dik li qabel kienet Parks Malta. Skond is-sit elettroniku ta' Project Green din l-entita bdiet l-attivita tagħha fl-2023. Apparti li mix-xhieda tal-istess rappreżentant ta' Project Green ħareġ li din l-entita ma għandha ebda proġett konkret dwar l-art in meritu[3] mill-kronoloġija tal-fatti jiriżulta illi anke li kieku Parks jew Project Green kellhom proġett li jista jitqies bħala fl-interess pubbliku – ix-xhud isemmi proġett ta' *forestation* – l-eċċezzjoni tal-Awtorita li tgħid li għad hemm interess pubbliku fl-akkwist ta' din l-art ma tista qatt tirnexxi kemm għaliex ħareġ ċar mill-provi li d-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi li oriġinarjament talab l-espropjru ma kellux aktar bżonn l-art u kemm għaliex anke kieku l-Bord kellu jqis li hemm interess pubbliku minn naħa ta' Parks Malta u/jew Project Green dawn l-entitajiet gew ikkrejati ferm wara li kien għadda t-terminu ta' 10 snin mid-Dikjarazzjoni Presidenzjali u allura anke li kieku kien jezisti l-interess pubbliku fil-proġett oriġinarjament pilotat mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi li wassal għall-ħruġ tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali fl-14 ta' Lulju 2000 żgur li dak l-interess ma setax jiġi tramandat u assorbit minn entita li ġiet krejata ferm wara d-dekors ta' 10 snin mill-istess Dikjarazzjoni.

Għalhekk mill-assiem tal-provi l-Bord iqis illi l-elementi kollha rikjesti taħt l-Artikolu 63(1) tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta ġew soddisfatti mir-rikorrenti filwaqt li l-Awtorita ma rnexxietx fid-difiża tagħha taħt l-Artikolu 63(5) tal-istess kapitolu in kwantu ma seħħiliex tipprova li kien hemm raġunijiet validi għaliex l-art baqgħet ma ntużatx għal aktar minn 10 snin mid-Dikjarazzjoni jew turi għas-sodisfazzjoni tal-Bord li għad hemm interess pubbliku fl-akkwist ta' dik l-art.

Għaldaqstant il-Bord sejjer jilqa l-ewwel talba tar-rikorrenti ossia talba A1 u ser jordna li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali tal-14 ta' Lulju 2000 (Avviż Nru 570) (Dok D – fol 17 *et seq*) tiġi mħassra fir-rigward tal-art mertu ta' dawn il-proċeduri ossia Plot 5 tal-kejl ta' 4,093 metri kwardi indikata fl-istess Dikjarazzjoni Presidenzjali u li tali art tiġi mrodda lura lir-rikorrenti.

---

[3] Tant li x-xhud stqarr li apparti *teams meeting* mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubbliċi, fejn infurmawhom li jekk il-*Public Works* ma kelliex bżonn l-art huma kienu lesti joħduha, baqa ma sar xejn aktar.

Fit-tieni talba tagħhom ossia talba indikata bħala A2 l-atturi lill-Bord sabiex jillikwida u jordna lill-Awtorità intimata tħallas id-danni materjali u d-danni morali li ġew imġarrba mis-sid għas-snin kollha li l-art kienet miżmuma mill-Gvern mingħajr ma sar xejn fuqha.

L-Artikolu 63(3) tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"(3) Flimkien mat-talbiet għat-tħassir tad-dikjarazzjoni u tar-radd lura tal-art, tista' ssir ukoll talba biex il-Bord tal-Arbitraġġ jillikwida u jordna lill-awtorità tħallas id-danni materjali u d-danni morali li ġew imġarrba mis-sid għas-snin kollha li l-art kienet miżmuma mill-Gvern mingħajr ma sar xejn fuqha".*

F'dan ir-rigward il-Bord jgħamel referenza għall-verbal fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2024 fejn id-difensur tal-atturi ivverbalizza hekk:

> *L-Avukat Peter Borg Costanzi ghar-rikorrenti jiddikjara li fir-rigward ta' dawn l-ewwel parti tat-talbiet u billi l-art in meritu ghadha fil-pussess tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti mhux qed jinsistu ghal danni materjali izda f'kaz li tintlaqa l-istess talba qed jitolbu biss danni morali.*

In vista ta' din id-dikjarazzjoni l-Bord iqis it-talba għal danni materjali bħala rinunzjata u kwindi mhux ser jinvesti fiha. Minflok il-Bord ser jillimita ruħu għat-talba dwar danni morali.

<u>**Danni Morali**</u>

Fir-rigward tad-danni morali, l-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Camilla Scerri et vs L-Awtorità tal-Artijiet** (Rikors numru 14/2017/SG) deċiża minn dan il-Bord diversament presedut fis-16 ta' April 2021 fejn gie stabbilit mekkaniżmu ta' komputazzjoni tad-danni morali liema ħsieb ġie wkoll konfermat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023 ukoll fl-ismijiet **Camilla Scerri et vs Awtorità tal-Artijiet** (Rik. Nru. 5/19/1).

Fid-deċiżjoni tal-Bord (Rikors numru 14/2017/SG) intqal hekk:

> *Il-Bord iqis li l-intenzjoni tal-leġislatur wara dan l-artikolu kien, li jforni rimedju ordinarju lill-individwu li sofra, jew li għadu qed isofri leżjoni tad-dritt ta' proprjeta tiegħu, u/jew tad-dritt li jkollu rimedju xieraq. L-Artikolu 63(3) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar, fis-sens li d-danni morali huma proprju dawk id-danni morali "li ġew imġarrba mis-sid għas-snin kollha li l-art kienet miżmuma mill-Gvern mingħajr ma sar xejn fuqha" (test bil-Malti meħud mill-Artikolu 63(3) tal-Kap 573) jew "moral damages that have been suffered by the owner for all the years*

*that the land has been kept by the Government without anything being done on it". (Test bl-Ingliż meħuda mill-Artikolu 63(3) tal-Kap 573).*

*Il-Bord sejjer iqabbel dan l-artikolu ma' partijiet oħra fl-istess Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jissemmew danni morali. Per eżempju, fl-Artikolu 64 tal-Kap 573 li jirrigwarda art li tkun soġġetta għal dikjarazzjoni mingħajr avviż tal-ftehim, jissemmew "danni materjali u danni morali minħabba d-dewmien biex sar l-akkwist.*

*Fl-Artikolu 65 tal-Kap 573 li jirrigwarda art li tkun soġġetta għal dikjarazzjoni u avviż għal ftehim, iżda li ma tkunx ġiet akkwistata, jissemmew "danni materjali kif ukoll danni morali minħabba d-dewmien biex sar l-akkwist". Fl-Artikolu 67 tal-Kap 573 li jirrigwarda art okkupata minn Awtorità kompetenti mingħajr dikjarazzjoni, jissemmew "danni materjali u d-danni morali li ġew imġarrba mis-sid għas-snin kollha li l-art kienet qed tiġi okkupata mingħajr ma nħarġet id-dikjarazzjoni."*

*Minn dawn il-frażijiet kollha, jirriżulta li l-leġislatur kien ċar li d-danni morali huma proprju dawk relatati mas-snin kollha li l-art kienet miżmuma mill-Gvern mingħajr ma sar xejn fuqha fil-każ tal-Artikolu 63 tal-Kap 573, jew mingħajr ma nħarġet id-dikjarazzjoni fil-każ tal-Artikolu 67 tal-Kap 573, u huma proprju dawk relatati minħabba d-dewmien biex sar l-akkwist fil-każ tal-Artikoli 64 u 65 tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*F'għajnejn il-Bord, l-intenzjoni tal-leġislatur wara l-kunċett ta' danni morali, kien proprju li jiġu likwidati danni morali, in vista tad-dewmien li jseħħ f'dan it-tip ta' kwistjonijiet.*

*Il-Bord ma jaqbilx mal-argument tal-Awtorità intimata, fis-sens li r-rikorrenti kellhom iressqu xi provi biex jippruvaw li soffrew xi tbatija. Dawn id-danni morali ġew introdotti biex jservu in parti għal rimedju għal-leżjoni sofferta moralment mis-sidien tal-proprjeta minħabba l-medda taż-żmien li l-art kienet milquta b'dikjarazzjoni, u l-istess baqgħu mingħajr pussess legali tal-istess proprjeta.*

L-azzjoni taħt l-Artikolu 63 hija ntiża bħala azzjoni biex tiġi mħassra dikjarazzjoni f'sitwazzjoni fejn art għadha ma ġietx akkwistata u apparti t-talba għat-tħassir tad-Dikjarazzjoni u r-radd lura tal-art, l-istess Artikolu huwa ċar fis-sens li jippermetti lir-rikorrenti sabiex jitlob danni morali li huma proprju dawk id-danni morali "li ġew imġarrba mis-sid għas-snin kollha li l-art kienet miżmuma mill-Gvern mingħajr ma sar xejn fuqha".

Mill-provi ħareġ li l-art in meritu ġiet kolpita b'Dikjarazzjoni Presidenzjali tal-14 ta' Lulju 2000 (Avviż Nru 570) u li tali art baqgħet ma ntuzatx. Fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2024 l-avukat tal-Awtorita intimata ddikjara li l-pussess tal-art baqa dejjem f'idejn ir-rikorrenti u li l-art baqgħet fl-istat oriġinali tagħha. Taħt dawn ir-riżultanzi l-Bord iqis li l-atturi huma ntitolati għal danni morali fis-sens previst fl-Artikolu 63(3) tal-Kap 573 u li dawn għandhom jiddekorru mill-2000 ċjoe mis-sena li ġiet ippubblikata d-Dikjarazzjoni Presidenzjali.

Fir-rigward tal-*quantum* ta' danni morali, l-Bord iqis illi fil-każ fuq imsemmi **Camilla Scerri et vs L-Awtorità tal-Artijiet** kien hemm trapass ta' 55 sena miż-żmien minn meta nħarġet id-dikjarazzjoni ta' esproprju sakemm ma nħarġet id-dikjarazzjoni ta' rilaxx f'Novembru 2020 u d-danni morali kienu ġew likwidati mill-Bord fis-somma ta' €750 fis-sena. Dik il-proprjeta' kienet konsistenti f'porzjon art fin-Naxxar tal-kejl superfiċjali ta' sitt itmiem, siegħ u tlett kejliet (6T-1S3K) u kienet tinkludi wkoll kamra tar-raba'. Fil-każ **Robert Hornyold Strickland vs L-Awtorità tal-Artijiet** deċiż minn dan il-Bord fit-23 ta' Frar 2022 ingħata kumpens ta' €250 fis-sena fir-rigward tal-art fil-kejl ta' 1,269 m.k fejn kien hemm trapass ta' bejn 30 u 31 sena. F'sentenza oħra ta' dan il-Bord fl-ismijiet **Maurice Zarb Adami et vs L-Awtorità tal-Artijiet** deċiża fit-8 ta' Lulju 2020, ingħata kumpens bħala lump sum ta' €1,000 fir-rigward ta' art tal-kejl ta' 533m.k fiż-Żurrieq fejn id-dikjarazzjoni ġiet ippubblikata fis-6 t'Ottubru 2016 u ma tħallas qatt il-kumpens dovut.

Fis-sentenza **Pierre Chircop vs l-Awtorità tal-Artijiet** deċiża minn dan il-Bord fit-22 ta' Ġunju 2022, ingħata kumpens ta' €125 għal kull sena fir-rigward ta' porzjonijiet fil-kejl kumplessiv ta' circa ta' 260m.k li ġew okkupati fl-2017 u s-sentenza in parte fejn l-art ġiet iddikjarata bħala neċessarja għall-interess jew skop pubbliku ingħatat fit-30 ta' Settembru 2020. Id-Dikjarazzjoni nħarġet fis-17 ta' Mejju 2021 filwaqt li l-kumpens *not in dispute* tħallas fit-12 ta' Lulju 2021 ċjoe madwar għaxar xhur wara s-sentenza preliminari. F'sentenza oħra mogħtija minn dan il-Bord fl-ismijiet **Giovanna Borg vs L-Awtorità tal-Artijiet** deċiża fit-28 ta' Settembru 2022 ingħata kumpens ta' €100 għal kull sena li għaddiet mill-1989 sas-sena 2022 fir-rigward ta' esproprju li seħħ 33 sena qabel fir-rigward ta' art għall-art desinjata bhala fabbrikabbli bl-użu limitat ta' triq tal-kejl ta' 140m.k. Imbagħad fis-sentenza ċitata ta' Emilia sive **Emily Spiteri et vs L-Awtorità tal-Artijiet** ingħata fir-rigward ta' fond fl-Isla kumpens ta' €100 għal kull sena mill-1950.

Fid-dawl tat-trapass taż-żmien f'dan il-każ ossia 24 sena, id-daqs tal-art, il-fatt li l-atturi kellhom jibdew dawn il-proċeduri għat-tħassir tad-Dikjarazzjoni tenut kont ukoll taċ-ċirkostanzi ta' kif seħħew il-ġrajjiet f'dan il-każ, il-fatt li l-art dejjem baqgħet fil-pussess fattwali tal-atturi għalkemm kolpita b'Dikjarazzjoni t'esproprju u kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-art baqgħet fl-istat oriġinali tagħha, il-Bord iqis li d-danni morali f'dan il-każ għandhom jiġu likwidati fis-somma ta' €250 għal kull sena li għaddiet mid-Dikjarazzjoni.

**B'hekk id-danni morali jammontaw għal €6,000.**

Għalkemm il-Bord hu konxju li din il-kawża tħalliet għad-deċiżjoni dwar l-ewwel parti tat-talbiet tar-rikorrenti ossia talbiet numri 1 u 2 fis-sezzjoni A tat-talbiet attriċi kif del resto jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju 2024 għandu jirriżulta għal kwantu ċar li una volta li l-Bord sejjer jakkolji l-ewwel żewġ talbiet rikorrenti, it-talbiet l-oħra kollha indikati fis-sezzjoni B tar-rikors promotur isiru superfluwi u għaldaqstant il-Bord sejjer jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-istess talbiet.

## III. KONKLUŻJONI

Illi għalhekk għal dawn il-motivi l-Bord qiegħed jiddeċiedi dwar it-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita intimata bil-mod segwenti u cioe:

1. Jilqa l-ewwel talba tar-rikorrenti ossia talba A1 u jordna li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali tal-14 ta' Lulju 2000 (Avviż Nru 570) (Dok D – fol 17 *et seq*) tiġi mħassra fir-rigward tal-art mertu ta' dawn il-proċeduri ossia Plot 5 tal-kejl ta' 4,093 metri kwardi indikata fl-istess Dikjarazzjoni Presidenzjali u li tali art tiġi mrodda lura lir-rikorrenti;

2. Jilqa t-tieni talba tar-rikorrenti ossia talba A2 u jillikwida d-danni morali dovuti mill-Awtorita intimata lir-rikorrenti fl-ammont ta' sitt elef Ewro (€6,000) u jordna lill-Awtorita intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' **sitt elef Ewro (€6,000)** bħala danni morali;

3. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-kumplament tat-talbiet attriċi;

4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita intimata fejn dawn huma inkompatibbli ma dak li ġie deċiż hawn fuq.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekorribbli millum kontra l-istess Awtorita intimata.

**Moqrija.**

**Noel Bartolo**
**Maġistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**
**30 ta' Settembru 2024**